

# Taqsisra għall-pubbliku

## White Paper dwar il-Pensjonijiet – imfissra l-proposta tal-UE

### X'INH I L-KWISTJONI?

Kif għandu jiġi żgurat li l-pensjonijiet ikunu adegwati f'soċjetajiet li qed jikbru fl-età mingħajr ma l-finanzi pubbliċi jipproġew taħt pressjoni żejda? Illum il-ġurnata hawn bejn wieħed u ieħor 4 persuni b'età tax-xogħol għal kull persuna bl-età tal-pensjoni - proporzjon ta' 4 għal kull 1. F'50 sena, il-proporzjon se jkun biss ta' 2 għal kull 1 – ċaqliqa drammatika u sfida ewlenija għall-pensjonijiet billi se jkun hemm aktar nies bl-età tal-pensjoni u anqas ħaddiema li jikkontribwixxu biex jgħinuhom. Iżda b'rispons ġust, pensjonijiet adegwati jistgħu jiġu garantiti għall-futur.

### X'QED JIĠI PROPOST?

- Il-white paper dwar il-pensjonijiet tal-UE tissuġġerixxi miżuri li jgħinu lill-pajjiżi tal-UE jiżguraw pensjonijiet adegwati b'mod li jaffordjawh u sostenibbli, billi:
  - iħeġġu lill-ħaddiema jibqgħu jaħdmu aktar u jfaddlu aktar għal meta jirtiraw
  - isaħħu s-sigurtà u l-kosteffettività ta' tfaddil ta' din ix-xorta.

### MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?

- Potenzjalment iċ-ċittadini kollha tal-UE – huma u jipplanaw u jirċievu l-pensjonijiet tagħhom
- Din il-White Paper tippreżenta għadd ta' inizjattivi ta' politika li permezz tagħhom l-UE tista' tappoġġa lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali fl-isforzi tagħhom biex jiggarrantixxu pensjonijiet adegwati għall-ġejjieni.

### GĦALIEX MEĦTIEĠA AZZJONI MILL-UE?

- Il-pensjonijiet aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed isiru preokkupazzjoni komuni fl-UE – minħabba l-importanza ċentrali tal-pensjonijiet għas-suċċess soċjali u ekonomiku tal-Ewropa, u l-fatt li l-politiki dwar il-pensjonijiet f'pajjiż jistgħu jħallu effett fuq pajjiżi oħrajn.
- L-UE kollha għandha interess li tgħin lil kull pajjiż membru biex jirrifirma b'suċċess is-sistema tal-pensjonijiet u l-prattiki tal-irtirar tiegħu.
- Azzjoni kkoordinata mill-UE meħtieġa biex jiġi żgurat li n-nies ma jtilfux id-drittijiet tagħhom għal pensjoni meta jħallu pajjiżhom biex imorru jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE. Hi tiżgura kemm li l-konsumaturi jibbenefikaw bi sħiħ mis-suq intern billi jiġi garantit li jkollhom kompetizzjoni u għażla tajba bejn il-prodotti tal-pensjonijiet kif ukoll li tinżamm l-istabbiltà tal-finanzji pubbliċi u l-ekonomija tal-UE.
- Il-konsultazzjoni pubblika dwar il-pensjonijiet uriet li mistennija azzjoni dwar il-pensjonijiet mill-UE.

### X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?

- Il-politiki tal-UE għandhom joffru aktar appoġġ komprensiv u kkoordinat aħjar għall-pensjonijiet nazzjonali u r-riformi tal-irtirar li jinkuraġġixxu u jagħmluha possibbli għall-ħaddiema li jkollhom titli ta' pensjonijiet adegwati, sostenibbli u garantiti billi jaħdmu aktar u jżidu t-tfaddil tal-irtirar komplementarju tagħhom b'mod li jkun kosteffettiv.

## **META MISTENNIJA TIDĦOL FIS-SEĦĦ IL-PROPOSTA?**

- Il-proposta għandha tkun diskussa fl-2012-2013. Il-leġiżlazzjoni tidħol fis-seħħ ftit tas-snin wara.